Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Lynette Agius u Clyde Baldacchino

Vs

Garth Fenech

CCT 183/24/MM

Illum, 24 ta' Ġunju 2025

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fil-21 ta' Awissu 2024 fejn talab is-somma ta' elf mitejn u ħamsa u erbgħin ewro (€1,245), rappreżentanti spiża biex jibdel distribution box li sofrit xi ħsarat allegatament minħabba negligenza tal-intimat.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti qabbdu lill-intimat sabiex jagħmel xi xogħol ta' *coring* fit-travu tar-residenza tagħhom. Illi l-intimat kien qallhom li biex itaqqab kien se jkollu bżonn *supply t*a' ilma u peress li d-dawl kien għadu mhux mgħoddi kienu applikaw għas-servizz u meta kien hemm is-*supply* tal-ilma pprovdut, l-intimat kien mar fuq il-post sabiex itaqqab tlett toqbiet fit-travu sabiex jagħddu xi servizzi mis-saqaf. Illi l-intimat ma kienx għamel spezzjoni tal-fond qabel dak inhar. Illi r-rikorrenti jgħidu li l-intimat ma kienx qalilhom biex jgħattu l-plakek iżda kien ir-rikorrent stess li ha l-inizjattiva jgħatti l-plakek. Illi l-intimat beda jtajjar ħafna

ilma u f'hin minnom faqqat is-salvavita u sussegwentement indunaw li d-*distribution box* kienet ixxarbet u tant kellha ħsara li kellha ssir waħda ġdida. Illi r-rikorrenti kien ġabu stima iżda l-intimat ma riedx li jilħaq kompromess u għalhekk kellha ssir din il-kawża.
Illi l-intimat irrisponda u qal li huwa ħadem bil-galbu. Illi huwa kien spjega lir-rikorrenti l-proċess fid-dettal u kien qallhom li ser jintuża ħafna ilma. Illi jispjega li qabel beda kien talab lir-rikorrenti sabiex jgħattu l-plakek u jgħid ukoll li huwa kien ħa xi kartun biex iferrxu mal-art sabiex il-madam ma jixxarrabx. Illi jikkonferma li waqt li kien qed jaħdem kienet faqqat is-salvavita iżda sa kemm kien hemm hu, d-*distribution box* ma kienx fiha ilma u d-dawl kien qed jaħdem tajjeb. Illi huwa telaq qabel ma laħaq spiċċa x-xogħol stante li l-għodda li beda juża ma bdietx taħdem tajjeb. Illi huwa jiċħad li telaq qabel għax kien inqata' d-dawl. Illi huwa jgħid li mingħajr ma jassumi ħtija kien offra li jħallas nofs l-ispiża tal-materjal iżda r-rikorrenti kienu ġabu stima li kienet id-doppju ta' dik li kien ġab hu u peress li kienet esaġerata kien irrifjuta li jħallas l-ispiża. L-intimat jispjega li r-rikorrenti talbuh jiffirma kuntratt fejn jobbliga ruħu li jbati l-ispejjeż jekk fil-futur xi *appliances* jaqaw bil-ħsara.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda

verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti qabbdu lill-intimat sabiex jagħmel xi xogħol ta' *coring* fit-travu tar-residenza tagħhom. Illi matul ix-xogħol daħal ħafna ilma fid-*distribution box.* Il-qofol tal-kwistjoni hija dwar min għandu jwieġeb għad-danni.

Illi l-proċess ta' "coring" jinvolvi t-tħaffir ta' toqob ċirkolari f'ħitan jew soqfa bil-għan li jiġu installati servizzi bħall-pajpijiet, cable ducts jew sistemi oħra. Dan it-tħaffir isir b'għodod speċjalizzati li spiss jużaw ilma sabiex inaqqsu t-temperatura u jnaqqsu l-ħsara fuq il-materjal. Konsegwentement, huwa normali li l-ilma u residwi tat-tħaffir jinfirxu fl-inħawi ta' madwar it-toqba, speċjalment jekk ma tittieħedx prekawzjoni biex jiġu kkontrollati jew immexxija 'l bogħod minn apparat elettriku jew punti sensittivi. Għalhekk, jekk l-inħawi mhumiex protetti b'mod adegwat, tista' sseħħ perkolazzjoni ta' ilma li tikkawża ħsara lil tagħmir jew installazzjonijiet tal-elettriku li jkun hemm fil-viċin.

Illli l-intimat għandu obbligu professjonali u legali li jwettaq ix-xogħol tiegħu b'ħiliet tekniċi xierqa u b'diliġenza raġonevoli li hu mistenni minn kuntrattur prudenti.

Illi l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdu kif ġej:

1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Illi meta jkun se jsiru xogħlijiet ta' natura invażiva bħall-coring, l-appaltatur għandu jkun proattiv u jieħu prekawzjonijiet raġonevoli sabiex jidentifika riskji potenzjali — fosthom il-preżenza ta' sistemi tal-elettriku, kaxxi tad-distribuzzjoni, jew servizzi oħra li minkejja li forsi jkunu moħbija jew mhux viżibbli, appaltatur tal-affari tiegħu jaf li għandu jistena li se jkun hemm ġo residenza bħal dik fejn ħadem fil-każ odjern.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, nuqqas li ssir spezzjoni adegwata qabel jibda x-xogħol, biex l-appaltatur ikun jaf fejn se jaħdem qabel jixgħal l-apparat u jibda x-xogħol, jew li jitlob informazzjoni dwar il-preżenza ta' sistemi elettroniċi, jammonta għal negliġenza. L-argument li l-intimat ma kienx jaf li kien hemm kaxxa tad-distribuzzjoni fil-viċin huwa insuffiċjenti bħala difiża. Il-fatt li ma ntebaħx li kien hemm id-*distribution box* viċin fejn kien qed isir ix-xogħol ma jnaqqas xejn mid-dmir tal-intimat qua appaltatur li kellu jantiċipa u jipprevjeni ħsarat evitabbli.

Illi għalkemm l-appaltatur naqas fid-dmir tiegħu li jieħu prekawzjonijiet suffiċjenti waqt il-proċess ta' *coring*, it-Tribunal sejjer jikkunsidra jekk ir-rikorrenti kellux jagħraf ir-riskju ovvju li kien qed jinqala'. Illi huwa evidenti u mhux kontestat li matul ix-xogħol kien qed jintuża ħafna ilma u li dan kien qed jinfirex – tant li r-rikorrenti jgħid li ha l-inizjattiva li jagħtti l-plakek. Illi minkejja dan, ir-rikorrenti ma ħax miżuri simili sabiex jiġi evitat riskju għad-*distribution box*.

Illi hemm ukoll fattur importanti ieħor, u ċioe' jekk meta faqqat is-salvavita kien hemm ilma fid-distribution box jew le. Illi l-intimat jiċħad li kien hemm ilma, iżda l-electrician prodott mir-rikorrent jispjega li meta mar fuq il-post sab l-ilma ġo d-*distribution box*. Illi kien ikun ferm għaqli kieku nġibet tixhed omm ir-rikorrent li kienet fuq il-post matul l-akkadut. Illi hemm dubju serju dwar jekk id-*distribution box* kinietx issiġilata tajjeb u hemm dubju jekk l-ilma daħalx minn barra jew inkella minn ġewwa u ċioe' minn *cracks* fil-ħajt.

Għalhekk meta magħdud dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li dan ifisser li hemm forma ta' neġliġenza kontributorja da parti tar-rikorrent. Dan ifisser li, għalkemm il-kuntrattur hu

primarjament responsabbli, ir-rikorrent għandu sehem mir-responsabbiltà għall-akkadut u l-ħsara li eventwalment ġarrab u għalhekk it-Tribunal ser jieħu dan in kunsiderazzjoni fid-deċiżjoni tiegħu.

Decide

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€625) u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€625) fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza huma a karigu tal-intimat.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru